


# L-artist Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai

**kitba ta' Anton Fenech**

Il-Festa tal-Għid il-Kbir tal-2018 kellha sinifikat speċjali għall-poplu ta' Ħal Luqa. Dan għaliex wara snin ta stennija ġiet inawgurata u mbierka l-Istatwa ġdida ta' Kristu Rxoxt. Din l-Istatwa kienet deskritta bħala kapulavur ieħor fl-injam tal-artisti Michael u Adonai Camilleri Cauchi tan-Nadur Għawdex.

L-istatwa l-ġdida tirrappreżenta lill-Kristu rebbieħ fuq il-mewt, fejn b'id waħda jżomm il-bandiera ħamra b'salib abjad, li tirrappreżenta r-reliġjon, filwaqt li bl-id l-oħra mgħollija 'l fuq qed ibierek lill-Poplu. L-Istatwa tistrieħ fuq qabar dekorattiv tal-injam, disinn tal-istess artisti u xogħol tal-mastrudaxxa Luqi u membru tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija George Mifsud.

Michael u Adonai Camilleri Cauchi ġejjin minn familja ta' artisti ta' ħila kbira, artisti li x-xogħlijiet tagħhom jinsabu mifruxa, mhux biss fil-Gżejjer Maltin, iżda wkoll f'pajjiżi madwar id-dinja. Missier Michael huwa l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri Cauchi li kien magħruf għall-ħila artistika tiegħu fl-Istatwi tal-Kartapesta li hu ħadem għal diversi parroċċi u festi fis-seklu 20.

Huma ħafna s-Soċjetajiet Mużikali madwar Malta u Għawdex li għandhom xogħol ta' dawn l-artisti. Fost dawn insibu l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija li kienet minn tal-bidu li kkummissjonat xogħlijiet għand il-familja Camilleri Cauchi.

## Statwa ġdida ta' Sant'Andrija

L-1979 kienet is-sena li fiha iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali ta' Ħal Luqa, ingħataw l-inkarigu li jibdew jarmaw il-pjazez. B'hekk ingħataw l-Armar li sa dak iż-żmien



kien jintrama mill-Knisja. Kien għalhekk f'waqtu li fit-18 ta' Frar 1979, f'Seduta Ġenerali, ġie deċiż li ssir Statwa tal-Patrun tas-Soċjetà u Ħal Luqa, Sant'Andrija, sabiex tibda tittella' f'Misraħ il-Knisja, lejlet il-Festa. Din il-biċċa xogħol kienet fdata f'idejn Michael Camilleri Cauchi. Hawnhekk, hu wera l-ħila tiegħu fl-istil movimentat u eleganti li għandha din l-Istatwa. L-Istatwa kienet lesta għall-Festa tal-istess sena, u tbierket nhar it-30 ta' Ġunju 1979 mill-Kappillan Mons Innoċenz Borġ. L-Istatwa sarilha intervent ta' restawr mill-istess artist, din id-darba mhejjun ukoll minn ibnu Adonai fl-2012.

## L-Evanġelisti

Propju erbatax 'il sena wara, Michael Camilleri Cauchi kien fdat b'biċċa xogħol oħra, li sal lum għadha meqjusa bħala unika fix-xorta tagħha fil-Gzejjer Maltin. Wara l-Festa tal-1992, inbeda x-xogħol fuq kolonna artistika ġdida għall-Istatwa ta' Sant'Andrija sabiex din tittella' fuqha fi tmiem il-Marċ ta' lejlet il-Festa. Sa mis-sena 1979, l-Istatwa l-ġdida ta' Sant'Andrija bdiet tittella' minflok il-Pedestall ta' Malta Gwerriera. Kien għalhekk pass għaqli li ssir kolonna ġdida, sabiex l-Istatwa ta' Malta Gwerriera terġa' tibda tintrama. Id-disinn ta' din il-kolonna, xogħol ta' Joseph Sagona tar-Rabat Għawdex, kienet tinkorpora fiha erba' niċeċ. Għal dawn in-niċeċ, Camilleri Cauchi ħadem erba' Evanġelisti li jitpoġġew bħal riljev u li jdawru din l-opra daqstant artistika. L-ewwel żewġ statwi tlestew għall-Festa tal-1993 filwaqt li l-kumplament tlestew is-sena ta' wara.

Il-Pedestall ta' Sant'Andrija, wera mhux biss il-kapaċità tal-membri tal-istess Soċjetà li ħadmu kollox b'mod volontarju biex din l-opra setgħet isseħħ, iżda wkoll wriet il-ħila artistika ta' Michael Camilleri Cauchi, liema ħila kellha terġa' twassal għal żewġ opri artistiċi mill-isbaħ fl-2004.

## San Pietru u San Pawl

Fis-sena 2002, il-mibki Kan Dun Karm Żammit, benefattur tal-Knisja Parrokkjali u tas-Soċjetà, wera x-xewqa li f'Misraħ il-Knisja jsiru żewġ Statwi li jirrappreżentaw lil San Pietru u San Pawl. Il-ħsieb tiegħu kien li ma Sant'Andrija, bħala l-ewwel Appostlu, jitpoġġew dawn iż-żewġ appostli kbar. L-għażla marret għal darb'oħra fuq Michael Camilleri Cauchi li din id-darba kien fdat ukoll bis-disinn tal-Pedestalli tal-Appostli. Il-Proġett kellu jitlesta u jkun inawgurat għall-Festa tal-2003, proprju biex ifakkar il-120 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.



Dan, iżda ma kellux isir, proprju għaliex il-Festa ta' dik is-sena kienet tħassret minħabba l-mewt ħesrem tal-Kappillan Dun Joe Camilleri propju xahar qabel il-Festa. Kellha tkun għalhekk il-Festa tal-2004; proprju nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, meta ġew inawgurati dawn iż-żewġ opri mill-isbaħ, fost il-ferħ u s-sodisfazzjon tal-membri kollha fi ħdan il-grupp tal-Armar li ħadmu b'mod volontarju fix-xogħol tal-Pedestalli. Sodisfazzjon bla dubju reġa' ntwera lejn l-artist Michael Camilleri Cauchi li bl-istil uniku tiegħu reġa' ħadem żewġ statwi mill-isbaħ ikkumplimentati b'Pedestalli artistiċi u li jolqtu l-għajn.

## Triq id-9 ta' April

Wieħed mill-proġetti tal-Armar li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija wettqet



riċentament kien dak tal-armar mill-ġdid ta' Triq id-9 ta' April 1942. Kien ġie deċiż li jsiru sett ta' ħames pavaljuni kbar, b'tul ta' 28 pied. Ix-xogħol fuq dawn il-pavaljuni nbeda fl-2007, sabiex l-ewwel fażi tkun lesta għall-festi tal-125 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà li saru fl-2008. Id-disinn, fuq stil klassiku kien sar minn Raymond Zammit, Eks President tas-Soċjetà. Il-pavaljuni jinkorporaw fihom pittura ta' għaxar piedi, fejn hawnhekk il-ħsieb kien li l-pitturi jkunu oriġinali u li kull pittura tirrappreżenta l-aħħar mumenti mill-ħajja tal-Appostlu Sant'Andrija. Għal dan ix-xogħol, is-Sezzjoni Armar għażlet lill-Adonai Camilleri Cauchi sabiex jpitter dawn il-pitturi.

Adonai Camilleri Cauchi, iben Michael, illum huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa artisti fil-gżejjer Maltin, li mexa fuq il-passi ta' missieru, iżda li ħoloq l-istil tiegħu. Adonai huwa wkoll l-artist wara diversi pitturi fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, kif ukoll pitturi fuq bandalori u pavaljuni li jintramaw fil-festi.

Il-pitturi ta' Camilleri Cauchi huma kollha oriġinali, u jirrappreżentaw it-triq ta' Sant Andrija lejn il-martirju, l-istqarrija tal-fidi tiegħu quddiem l-imperatur Ruman, il-martirju tiegħu minn fuq is-salib, l-inżul tiegħu minn fuq l-istess salib u t-trasportazzjoni tiegħu lejn il-qabar.

Ir-raħal ta' Ħal Luqa huwa onorat li jista' jgawdi kullana ta' opri artistiċi li ħarġu minn taħt idejn l-artisti Michael u Adonai Camilleri Cauchi. L-Istatwa ta' Kristu Rxoxt tkun l-aħħar waħda minn dawn l-opri. Daqstant ieħor, l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija hija kburija li kienet minn tal-ewwel li għarrfet il-kapaċitajiet kbar ta' dawn iż-żewġ artisti u li fdathom sabiex ikabbru isem Ħal Luqa fl-armar li jintrama fil-Festa Titulari. Huwa wkoll ta' sodisfazzjon kbir, li f'kull opra artistika li ssemmiet f'dan l-artiklu, kien hemm is-sehem tal-membri tal-istess Soċjetà li ħadmu id f'id mal-artisti fix-xogħol tal-injam u d-disinn. Fl-aħħar u mhux l-inqas ħajr kbir imur għall-benefatturi li bl-għajnuna finanzjarja tagħhom dawn l-opri artistiċi setgħu jimmaterjalizzaw.





Il-Familja ta Michael Camilleri Cauchi waqt żjara li għamlu fis-sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija fil-festa ta' Kristu Rxoxt.